**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Zammit**

Numru: 68/2015

Illum 9 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Zammit,** ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Carmel u Maria Anne nee' Grech, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar id-19 ta' Mejju 1960 u residenti Georgjanne, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32860G, akkuzat talli nhar is-16 ta' Settembru 2015 u kif ukoll fil-gimghat u xhur ta' qabel gewwa l-Imgarr limiti ta' Ghanjsielem, Ghawdex u f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. Bhala impjegat mal-kumpanija Gozo Channel bi ħsara tal-istess kumpanija u/jew persuni ohra ghamel xi qligħ iehor b'qerq;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala impjegat mal-kumpanija Gozo Channel b'mezzi kontra l-liġi, jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, ghamel qligħ ghad-detriment tal-kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala impjegat mal-kumpanija Gozo Channel approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn xi haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tal-kumpanija Gozo Channel u/jew persuni ohra;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 42) datata 12 ta' Novembru 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat George Zammit biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 293, 294, 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 63), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Novembru 2015, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati,

din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet li wiegeb hati ghalihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Il-Prosekuzzjoni qablet li l-Qorti ghandha tiehu inkonsiderazzjoni dak li jipprovdi Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

**IL-MEDIA**

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu, izda ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[1] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

U kif isostni l-**Archbold** meta jitkellem dwar ***Seriousness*** [22-6] jghid li:

> *"The seriousness of an individual case should be judged on its own dimensions of harm and culpability rather than as part of a collective social harm. It is legitimate for the overall approach to sentencing levels of particular offences to be guided by their cumulative effect. However, it would be wrong to further penalise individual offenders by increasing sentence length for committing an individual offence of that type."*

F'dan il-kaz il-kummenti li saru fil-media dwar min deher bhala avukat difensur meta l-imputat l-iehor tressaq il-Qorti fuq xi incident li seta' kien hemm fil-passat u li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawn il-proceduri, imorru lil hinn mir-rappurtagg gurnalistiku serju.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti dwar il-piena qieset dak li qalet il-Qorti tal-Appell fejn enfasizzat li *"kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina*

[1] (1974) 60 Cr. App. R. 74

*penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skont ic-cirkostanzi u propju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohhha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi".*

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity.*

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali netta, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri, l-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, li rrizulta li l-kaz kien ta' darba u l-fatt li l-flus involuti fil-kaz li jammontaw tliet mija u hamsa u hamsin ewro (€355) <u>**biss**</u> gew ritornati minnufih.

Il-Qorti rat u hadet inkonsiderazzjoni s-*Social Enquiry Report* li thejja mill-Ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 293, 294, 308, 309, 310, 532A, 532 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat George Zammit hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma li jezistu l-elementi rikjesti mil-Ligi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil George Zammit bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għal-liberazzjoni kundizzjonata.

**Il-Qorti tirrakomanda illi l-imputat izomm l-impjieg li kellu qabel gie sospiz.**

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**